MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 156/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Loreto Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Loreto Buttigieg talli:

(1) fit-18 ta’ Settembru 2008 ghall-habta ta’ nofs in-nhar waqt li kien fuq il-moll tac-Cirkewwa, bil-hsieb li jaghmel offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ P.C. 555 Fabio Schembri, wera dan il-hsieb b’attijiet esterjuri u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi saq vettura cioe` trakk li jgib in-numru DBC-742 fuq l-imsemmi kuntistabbli meta dan kellu idejh maqbuda bejn il-bieba ta’ l-istess

vettura, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(2) fl-istess data, hin u lok ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq l-imsemmi kuntistabbli, liema pesuna hija inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi;

(3) volontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess kuntistabbli u dana skond ma kif iccertifika t-Tabib Dr. Owen Mifsud tal-Mosta;

(4) saq l-imsemmija ventura b'manjiera traskurata u perikoluza ghal terzi persuni;

(5) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva;

(6) kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied;

(7) qal kliem ta' dagha fahxi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 96, 221, 338(bb)(dd)(ee) u 17(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Loreto Buttigieg hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligiiet ta' Malta, kif ukoll multa ta' mitt euro (€100.00) u, a tenur ta' l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Loreto Buttigieg ipprezentat fit-8 t' April, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi 1) tikkonfermaha fil-parti fejn l-ewwel Qorti lliberatu mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu; 2) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn l-ewwel Qorti sabitu hati skond l-artikoli 96, 221, 338(bb)(dd)(ee) u 17(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-

artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija fejn sabitu hati tal-kumplament ta' l-imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minnhom; 3) fin-nuqqas, u cioe` f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fil-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi stante illi ghazlet illi temmen il-verzjoni tal-fatti mressqa minn P.C. 555 u mhux it-tezi, ampjament pruvata, ta' l-appellant. Fl-ahjar ipotezi ghall-prosekuzzjoni, hemm kunflitt car tal-provi u li kellu jwassal ghal-liberazzjoni tieghu; (2) li kwantu ghall-imputazzjoni li kkawza offizi ta' natura hafifa fuq P.C. 555 ma gietx pprezentata kwerela da parti tal-parti offiza; (3) li ma ngabet ebda prova ta' ksur tal-bwon ordni u ta' dagha; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena hija wahda eccessiva. Din il-Qorti tqis utili li jigu trattati l-ewwel it-tieni u t-tielet aggravji.

Kwantu ghat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jirreferi ghall-artikolu 221(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li fil-kaz ta' offizi ta' natura hafifa kif ikkontemplat fis-subartikoli (1) u (3) ta' l-artikolu 221 tal-Kap. 9, "ma jittiehed ebda procediment hlief bil-kwerela tal-parti offiza", eccettwat biss meta l-offiza issir fuq il-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b) – P.C. 555 mhuwiex wiehed mill-persuni ndikati f'dawn il-paragrafi. Bhalma josserva wkoll l-appellant, l-artikolu 539 tal-Kap. 9 jipprovdi li l-artikolu 537 jghodd ukoll ghall-kwereli. L-artikolu 537 jipprovdi li d-denunzja lill-Pulizija, mela anke l-kwerela, tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub. Il-*proviso* jipprovdi ghal dak li jigri meta persuna tmur ghand il-Pulizija sabiex taghmel denunzja jew kwerela, cioe` li l-Pulizija li lilu l-kwerelant ikun qieghed ikellem, ghandu "hlief fil-kazijiet li ma jkunux

iridu dewmien", inizzel bil-miktub minnufih il-kwerela li "ghandha tigi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun hekk nizzilha bil-miktub." Skond l-appellant l-okkorrenza esebita (a fol. 15 – 17) ma tistax tissostitwixxi l-kwerela. Jirreferi mbaghad ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Camilleri** fejn kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill-ufficjal tal-Pulizija li rceviha izda ma rrizultax li giet iffirmata mill-kwerelant. "Ghalhekk jidher", intqal f'dik is-sentenza, li "in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tesigi l-kwerela tal-[kwerelant] qabel ma pprocediet b'dan il-kaz … ma jistax jigi sanat u ergo l-proceduri li nbdew kontra l-appellant ma setghux isiru u konsegwentement huma nulli."

Dak li ma qalx l-appellant, pero`, hu li f'dik is-sentenza fejn il-proceduri kienu wkoll, bhal fil-kaz odjern, inbdew sa mill-bidu nett bi procedura sommarja fuq talba ta' l-Avukat Generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap. 9, il-proceduri ma setghux jigu "salvati jew sanati" bl-applikazzjoni tal-*proviso* ghall-artikolu 373 tal-Kap. 9, u dan ghax eskluz **specifikatament** mil-ligi. Fil-kaz **Il-Pulizija v. Paul Camilleri** fil-fatt, li kien jirrigwarda serq ta' kurrent elettriku, il-Qorti rreferiet ghall-artikolu 283A tal-Kap. 9 li jipprovdi li fil-kaz ta' dan ir-reat ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza wkoll meta r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati skond dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiz ma jkunx irrinunzja espressament ghall-azzjoni fi zmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Dan l-artikolu sahansitra jkompli jghid li d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull haga ohra li jinghad fil-*proviso* ta' l-artikolu 373.

Issa, l-artikolu 373 jipprovdi hekk:

**"Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju ta' l-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta' l-offiz:**

**Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta' l-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat."**

It-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, dik li kkaguna offizi ta' natura hafifa lil P.C. 555, tirreferi ghal reat li dwaru l-azzjoni normalment titmexxa bi kwerela ta' l-offiz u li l-piena massima hija dik ta' tliet xhur prigunerija. Jigifieri huwa reat li jaqa' fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati kif imsemmi fl-artikolu 370(1) tal-Kap. 9. Peress illi jirrizulta li l-appellant gie akkuzat ukoll bi ksur ta' l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied, il-Pulizija Ezekuttiva – a tenur tal-*proviso* ta' l-artikolu 373 tal-Kap. 9 – setghet tmexxi, u fil-fatt mexxiet l-azzjoni *ex officio*. M'hemm l-ebda dubju li l-artikolu 373 huwa applikabbli peress illi mhuwiex eskluz mil-ligi (bhal fil-kaz ta' l-artikolu 283A tal-Kap. 9) u peress illi dan l-artikolu jirreferi ghar-reati msemmijin fl-artikolu 370(1) u mhux ghall-proceduri li jistghu jingiebu skond l-artikou 370(1). Kwindi it-tieni aggravju huwa michud.

It-tielet aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija tal-kontravvenzjonjiet ta' ksur tal-bon ordni u ta' dagha. L-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti sabitu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet a bazi ta' l-okkorrenza esebita a fol. 15 sa 17. L-appellant hawn ghandu ragun. Ghalkemm l-okkorrenza esebita giet ikkonfermata bil-gurament minn P.S. 419 Anton Buttigieg, dan P.S. 419 ma kienx prezenti ghall-incident u dak li hemm fir-rapport dwar l-incident jikkonsisti biss f'dak li gie riferut lilu minn P.C. 555 Fabio Schembri. Ghalhekk, l-okkorrenza tista' tikkostitwixxi biss prova tad-diskors li qal P.C. 555 lil P.S. 419 u mhux bhala prova tal-fatti li allegatament graw. Fil-fatt P.C. 555 fix-xiehda tieghu fl-ebda waqt ma jghid illi l-appellant kien qieghed jghajjat jew jiggieled u lanqas li dagha. L-unika persuna prodotta mill-prosekuzzjoni li tghid li semghet lill-

appellant jghajjat kien Emanuel Cuschieri li qal li jahdem mal-Gozo Channel u li xoghlu hu li jorbot il-vapuri u jiehu hsieb il-bagalji tal-passiggieri. Huwa qal illi l-appellant ma riedx jitla' bil-vettura tieghu fuq id-*double deck* u ghalhekk kellhom igibu l-Pulizija. Dak il-hin qabad "jghajjat xi naqra".

Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deciz fit-23 ta' Gunju 1994 dwar ir-reat ta' ksur ta' bon ordni[1]:

**"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:**

***'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'* (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).**

**A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi**

[1] Vol. LXXVIII.v.277.

**kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb taghhom *'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*:**

***'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192)*.**

**Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*test* awtorevoli tieghu *'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*:**

***'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01)*.**

**U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:**

***'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01)*.**

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta ziedet tghid hekk:

**"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta'** ***'breach of the peace'*** **kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom** ***'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992)*****, b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:**

***'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295)*****.**

**Il-kuncett Ingliz ta'** ***'breach of the peace'*** **li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu** ***'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987)*** **hekk:**

***'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that***

***it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in <u>Howell</u> …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182)*.**

**Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li <u>oggettivament</u> inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[2]**

Fil-fatt fis-sentenza citata mill-appellat stess, **Il-Pulizija v. Marianne Abela et** moghtija fil-25 ta' Lulju 1984, intqal:

**"… dan l-artikolu 352(bb) gie kostantement interpretat minn din il-Qorti (ara *Pulizija vs Donald Zahra*, 19 ta' April 1950 Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iv.968 u s-sentenzi hemm citati) li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu lic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn**

---

[2] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Gunju 1998

**kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazzjoni, ma jiksirx il-ligi."**

Barra minn hekk, meta wasal fuq il-post P.C. 555, dan Emanuel Cuschieri li xehed li kien biss madwar hmistax-il pied boghod mill-appellant u l-pulizija, ghalkemm sema' lill-appellant jiddiskuti mal-pulizija ma fehemx id-diskors li kien ghaddej "u ma smajt xejn". Konsegwentement l-appellant ma setax jinstab hati la ta' l-imputazzjoni li kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied u lanqas ta' l-imputazzjoni li qal kliem ta' dagha fahxi.

<u>L-ewwel aggravju</u> jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi, u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[3]

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **The Republic of Malta v. Steven John LewisMarsden**, 2 ta' Novembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Giosue` Gauci**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nader Abdulaziz Elgerian et**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-**

L-appellant jghid li hemm konflitt ta' provi. Izda, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[4].
Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi sabiex tara jekk l-appellant setax legalment u ragjonevolment jinstab hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet.

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti skartat kompletament il-provi mressqa mid-difiza u li juru li l-vettura in kwistjoni ma setghetx tinstaq, li l-ewwel Qorti setghet giet impressjonata minn dak li qal Emanuel Cuschieri li dan ma kienx l-ewwel incident li qalalhom l-appellant, u li l-ewwel Qorti njorat ghal kollox il-fatt li fil-mori tal-kawza P.C. 555 gie sospiz mill-Korp tal-Pulizija u ma kellux ghalhekk jitqies kredibbli.

Din il-Qorti tghid l-ewwelnett illi l-fatt li P.C. 555 gie sospiz mill-Korp tal-Pulizija m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dan il-kaz. Saret referenza mid-difiza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-29 ta' April 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri** u li d-difiza ssostni li nghatat fil-konfront ta' P.C. 555 Fabio Schembri. Anke jekk stess dik il-kawza

---

**Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

tirreferi ghal P.C. 555, hija kawza li tirreferi ghal diversi imputazzjonijiet relatati mal-kacca. Din il-Qorti trid tiddeciedi mhux a bazi ta' x'seta' gara f'kaz iehor izda a bazi tal-provi rizultanti f'dan il-kaz.

Issa, filwaqt illi l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti skartat il-provi tad-difiza dwar il-fatt li l-vettura in kwistjoni ma setghetx tinstaq, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi d-difiza skartat l-aqwa prova li giet prodotta mill-prosekuzzjoni – is-CCTV *footage* li juri l-incident kollu in kwistjoni, mill-wasla ta' l-appellant hdejn il-vapur sal-mument li l-vapur tella' r-rampa biex isalpa. Din il-Qorti ezaminat dan il-*footage* u effettivament hin minnhom jidher pulizija javvicina l-vettura li fiha kien hemm ix-xufier, u dan flimkien ma' membri ohra ta' l-ekwipagg tal-vapur, u fil-mument li l-pulizija jidher mal-vettura, ix-xufier isuq madwar zewg metri jew tlieta. Il-pulizija jerga' javvicina x-xufier u l-bieba tidher tinfetah u tinghalaq. Dan jikkombacja ma' dak li xehed P.C. 555. Ghalhekk m'hemmx dubju illi t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma pruvati.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-fatti tal-kaz aktar kienu jissubentraw f'dak kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali milli fl-artikolu 96. P.C. 555 f'dak il-hin ma kienx qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi u r-rapprezentanti tal-Gozo Channel ma jistghux jitqiesu "awtorita` kompetenti" ghall-finijiet ta' l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement l-appellant ma kellux jnstab hati tat-tieni imputazzjoni. Mill-banda l-ohra l-ordni tal-Pulizija sabiex jitla' fuq il-vapur kienet wahda legittima fic-cirkostanzi. Jekk verament l-appellant ma setax isuq sal-vapur – distanza ta' ftit metri – seta' fácilment jitlob l-ghajnuna ta' l-ekwipagg tal-vapur biex jimbuttawh. Il-fatt li saq ftit metri meta kien hemm il-pulizija hdejh, pero`, ifisser li seta' kieku ried isuq dawk il-ftit metri ohra u jitla' fuq il-vapur. Kwindi l-hames imputazzjoni tirrizulta.

Kwantu ghall-piena, din se tigi temperata sabiex tiehu in konsiderazzjoni r-rispettiv htija u nuqqas ta' htija ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kif deciz minn din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Loreto Buttigieg hati tat-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-perijodu ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena u ghall-hlas ta' multa ta' mitt euro (€100.00) u minflok tikkundannah (1) ghal prigunerija ghal perijodu ta' xahrejn liema sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sena millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija u (2) ghall-hlas ta' ammenda ta' €58.23. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament, b'dan li l-perijodu ta' skwalifika milli jkollu licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs-il lejl tallum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------